Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Ġunju 2025**
**(OR. en)**

**9863/25**

**PECHE 155**

## ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta’ negozjati mar-Repubblika tas-Seychelles għal Protokoll ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...**

**ta' ...**

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tas-Seychelles għal Protokoll ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi jenħtieġ li jinfetħu n-negozjati bil-għan li jiġi konkluż Protokoll ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati mar-Repubblika tas-Seychelles għal Protokoll ġddi dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni hija b'dan maħtura bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

In-negozjati għandhom isiru b'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Politika Esterna tas-Sajd u f'konformità mad-direttivi li jinsabu fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni, soġġett għal kwalunkwe direttiva li l-Kunsill jista' sussegwentement jagħti lill-Kummissjoni.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*
*Il-President*